30 ta' Mejju, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Nicola Galea *versus* Giovanni Falzon

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Hanut — Kambjament ta' Destinazzjoni.**

*Min ikollu ħanut adibit għall-bejgħ tal-merkanzija, u mbagħad iżommu magħluq għal żmien bosta, u jkompli jużah għall-ħażna biss, u mhux propju għall-bejgħ, jiġi biddel id-destinazzjoni tal-fond; u għalhekk sid il-ħanut jista' jirrikorri quddiem il-Board tal-Kera biex jieħu lura taħt idejh dak il-ħanut.*

Il-Qorti; — Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li jirregola l-Kera, li bih talab li jieħu taħt idejh il-ħanut nru. 27 Triq Santa Margherita, is-Siġġiewi, mikri lill-intimat, għax għandu bżonnu għalih, waqt li l-intimat ilu jżommu magħluq aktar minn disa' xhur;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-21 ta' Mejju 1951, tal-Board li jirregola l-Kera, li biha ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż; b'illi l-Board ikkunsidra:

Illi mill-provi jirriżulta li l-fond huwa liċenzjat għall-bejgħ tal-ġwież, u fil-fatt l-intimat j'storja fih ġwież li jtalla' mix-Xatt u minn hemm iqassmu fi xkejjer lix-xerrejja. L-allegazzjoni tar-rikorrent li l-intimat ma jagħmel x użu mill-fond ma ġietx pruvata; anzi mill-kontest tal-provi jirriżulta l-kuntrarju;

Illi għalhekk il-fond jaqa' taħt il-klassifikazzjoni ta' "ħanut" kif din il-kelma hija definita f'section 2 tal-Kap. 109 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta; u bħala konsegwenza huwa protett taħt section 13 ta' l-istess Kap. 109;

Rat ir-rikors li bih ir-rikorrent appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Board li jirregola l-Kera tal-21 ta' Mejju 1951, u talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u l-laqgħa tat-talba tiegħu, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità ġiet rinunzjata;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta li qabel ma l-intimat rama' l-ħanut tiegħu fi Triq Ramija huwa kellu l-fond in kwistjoni f'idejh, u kien jużah bħala ħanut, u fih kien agħmel il-bejgħ; u allura l-ħanut kien iżommu miftuħ (dep. Emle. Borg fol. 31, Salvu Gatt fol. 32, Margherita Gatt fol. 32-33). Iżda minn bosta żmien 'l hawn l-intimat iżomm dak il-ħanut magħluq u jiftaħ darba fit-tant biex iħott jew jgħabbi, u minn ġo fih, bħala regola, mhux ibiegħ (dep. Ant. Cascun fol. 23, Eugenia Azzopardi fol. 24, Cla. Galea fol. 24-25). Milli jidher, l-intimat qiegħed iżomm il-fond in kwistjoni għall-ħażna biss, u mhux jużah bħala ħanut u propriju għall-bejgħ, kif kien dari. B'hekk l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell tar-rikorrent, tirrevoka s-sentenza appellata tal-Board li jirregola l-Kera tal-21 ta' Mejju 1951, tilqa' t-talba tar-rikorrent, u tagħti lill-intimat xahar żmien biex jiżgombra. U tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellat.